**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAD-29 T'APRIL 2021**

**Kawża Numru: 2**

**Rik. Ġur. 792/2019 RGM**

**Antonino Barbuzza**

**vs.**

**1. Kummissarju tal-Pulizija**

**2. Kunsill Lokali San Giljan**

**3. L-Agenzija ghas-Sistema tal-Infurzar Lokali (L.E.S.A.)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Antonino Barbuzza** ppreżentat fit-13 t'Awissu, 2019 li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

1. Illi r-rikorrent huwa l-propjetarju tal-vettura tal-għamla Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni LCR 435.

2. Illi nhar it-22 ta' Ottubru 2018, għal ħabta tat-8.30a.m, ir-rikorrent ipparkja l-vettura tiegħu f'kaxxa tal-parkeġġ immarkata b'linji bojod fi Triq Spinola ġewwa San Ġiljan, iżda kif irritorna lura versu s-6p.m, il-karozza ma kinitx tinsab fejn kien ħalliha.

3. Illi hekk kif mar l-għassa sabiex jikseb informazzjoni dwar il-vettura tiegħu, l-uffiċjal tal-pulizija preżenti, wara li wettaq xi verifiki da parti tiegħu, infurmah li ma kellu l-ebda tagħrif dwar il-vettura tiegħu u fuq struzzjonijiet tal-istess pulizija, ir-rikorrent irrapporta l-vettura tiegħu bħala misruqa, kif jidher mir-rapport hawn anness u mmarkat bħala Dok 'AB1'.

4. Illi minkejja li sar dan ir-rapport, ir-rikorrent tħalla fil-għama u kull meta għamel kuntatt mal-pulizija sabiex jistaqsi jekk kienx hemm xi żviluppi fl-investigazzjoni għas-sejbien tal-vettura tiegħu, għal tliet xhur sħah baqa' jiġi mgħarraf li ma kien sar l-ebda progress fl-investigazzjoni u ma kellhom ebda ħjiel dwar fejn jew għand min kienet tinsab il-vettura appartenenti lilu.

5. Illi għal ħabta ta' Jannar tal-2019, waqt li l-vettura kienet għadha nieqsa, r-rikorrent irċieva kontravvenzjoni mingħand L.E.SA (Dok 'AB2'), li permezz tagħha sar jaf li dakinhar li l-karozza ġiet nieqsa, ġie mgħoti ċitazzjoni għar-raġuni li l-vettura kienet ta' ostruzzjoni jew inkonvenjent lill-pubbliku.

6. Illi r-rikkorent mal-ewwel mar jinforma lill-Pulizija dwar l-irċevuta ta' din ic-ċitazzjoni u li kellu suspett li l-vettura għandu mnejn kienet ġiet irmunkata mit-triq u mhux misruqa, izda minkejja din l-informazzjoni ġdida ġiet miġjuba a konjizzjoni tagħhom, il-Pulizija baqgħu jisħqu li ma kellhom ebda għarfien jew żviluppi fir-rigward it-tiftix tal-vettura tiegħu.

7. Illi kien biss għall-ħabta ta' nofs Frar tal-2019 li r-rikorrent sar jaf x'ġara minnha l-vettura tiegħu. Primarjament irċieva telefonata mingħand il-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan fejn ġie mitlub imur il-Kunsill sabiex jingħata informazzjoni dwar fejn kienet tinsab il-vettura tiegħu. Eventwalment, hekk kif mar il-Kunsill, ġie infurmat li l-vettura kienet fil-pussess tas-soċjetà Roc-A-Go Crane Services Limited u li biex jingħata lura l-vettura kellu jħallas kont

ta' 'l fuq minn elf ewro talli naqas milli jiġbor il-vettura tiegħu wara li din kienet ġiet irmunkata, liema ammont kien ser jgħola kull jum li l-vettura kienet ser tibqa' miżmuma għand Roc-A-Go.

8. Illi r-rikorrent ma kienx ġie infurmat dwar l-irmonk tal-vettura tiegħu dakinhar tat-22 ta' Ottubru 2018 minkejja li kien għamel diversi xhur in kuntatt mal-awtoritajiet għat-tfittxija tal-istess vettura. Lanqas ma kellu ħjiel kif il-vettura tiegħu kienet spiċċat għand is-soċjetà Roc-A-Go u wisq anqas min kien awtorizza li l-vettura tittieħed għandhom.

9. Illi r-rikorrent sempliċiment sabiex ikun jista' jirrivverti lura għal *status quo ante* u anki bl-intiża li jillimita d-danni, ħallas kont fl-ammont ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) lil Roc-A-Go Crane Services Limited u b'hekk il-vettura ġiet rilaxxata lilu fit-3 ta' Ġunju 2019 (Doks 'AB3' u 'AB4').

10. Illi l-Awtoritajiet pubbliċi intimati jew min minnhom, naqsu milli josservaw il-prinċipju tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv meta huma naqsu milli jinfurmaw lir-rikorrent bl-irmonk tal-vettura tiegħu u milli jippublikaw l-avviż relattiv skond il-Liġi Sussidjarja 65.13.

11. L-istess Awtoritajiet pubbliċi jew min minnhom naqsu wkoll milli jagħtuh ir-raġunijiet li għalihom ttieħdet id-deċiżjoni li tiġi rmonkata l-vettura, u naqsu li jinvestigaw b'mod effettiv l-iskomparsa tal-vettura wara li ġiet rappurtata misruqa, meta seta' ġie faċilment stabbilit x'ġara minnha minnufih.

12. Illi l-għemil amministrattiv skorrett tal-Awtoritajiet pubbliċi intimati jew min minnhom, huwa sforz in-nuqqas tagħhom f'dan il-każ li jeżerċitaw l-obbligi tagħhom bil-prudenza, diliġenza u l-attenzjoni ta' *bonus paterfamilias* bi ksur tal-Artikolu 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. Illi dawn in-nuqqasijiet huma kontra l-liġi u dan ai termini tal-Artikolu 469A(1)(b)(ii) kif ukoll tal-Artikolu 469A(1)(b)(iv) tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili.

14. Illi dan l-akkadut ikkawża inkonvenjent kbir lir-rikorrent tul ix-xhur kollha li huwa safa żvestit mill-pussess tal-vettura tiegħu u dan kollu minħabba l-għaġir ħazin tal-Awtoritajiet pubbliċi intimati jew min minnhom, kawża ta' liema huwa sofra danni kemm morali kif ukoll materjali kif ser jirriżulta mill-provi.

15. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tar-rikorrent.

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni opportuna, tiddikjara li l-Awtoritajiet intimati jew min minnhom, fid-dawl taċ-ċirkostanzi u raġunijiet hawn fuq premessi, mxew *ultra vires* mis-setgħat mogħtija lilhom mil-liġi, kif ukoll bi ksur tal-prinċipji ta' mġieba amministrattiva tajba u għaldaqstant li l-għemejjel tal-Awtoritajiet jew min minnhom huma invalidi a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kap 12;

2. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom, responsabbli għad-danni li ġew ikkawżati lir-rikorrent konsegwenza tal-imsemmija għemejjel amministrattivi u tordna lill-intimati jħallsu d-danni hekk likwidati, inkluż l-ispejjeż inkorsi mir-rikorrent.

Salv kull dritt iehor spettanti lir-rikorrenti skond il-liġi.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-protest ġudizzjarju numru 107/2019 kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija** ppreżentata fl-1 t'Ottubru, 2019 fejn jingħad kif ġej:

Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponenti hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:

**Eċċezzjonijiet preliminari**

1. Illi in linea preliminari, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jirrileva illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur ghal pretensjonijiet vantati mir-rikorrent *stante* illi ma hareg ebda ordni ta' irmonkar jew kontravvenzjoni kontra r-rikorrent u ma kienx tenut johrog l-avviz imsemmi fil-Ligi Sussidjarja 65.13 (Regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tnehhija ta' Vetturi bil-Mutur u Oggetti ta' Ingombru) gialadarba l-att amministrattiv ma twettaqx minnu;

2. Illi in linea preliminari wkoll, in kwantu dina l-azzjoni hija bbazata fuq l-artikolu 469A (1) (b) tal-Kaptiolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-esponent jecepixxi formalment illi l-azzjoni tar-rikorrent hija perenta ai termini tal-Artikolu 469A (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Eċċezzjonijiet fil-mertu**

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi *dato ma non concesso* li l-eċċezzjonijiet preċedenti ma jiġux akkolti, fir-rigward tal-mertu l-esponent jeċepixxi fl-ewwel lok illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrent qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;

5. Illi l-Ligi Sussidjarja 65.13 (Regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tnehhija ta' Vetturi bil-Mutur u Oggetti ta' Ingombru) senjatament l-artikolu 4 tal-istess Ligi Sussidjarja jistipula illi l-irmonkar ta' tali vettura jista' jsir kemm mill-Awtorita', Agenzija, Kunsill u l-Kummissarju. Fil-kas odjern l-esponent

m'ghamel ebda ordni ghal-irmonkar tal-Vettura tal-ghamla Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni LCR 435 la fit-22 ta' Ottubru 2018 u lanqas fiz-zmien wara din id-data. Ghaldaqstant ma jistghax jsir stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv fil-konfront tal-esponent *una volta* l-esponent qatt ma wettaq dan l-ghemil amministrattiv;

6. Illi l-esponent tant ma kienx konsapevoli ta' hrug ta' kontravenzzjoni u irmonkar kif deskritt fir-rikors guramentat in risposta illi meta r-rikorrent mar jaghmel rapport fl-ghassa ta' San Giljan, il-Pulizija ghamlu spezzjoni fit-Triq Spinola San Giljan sabiex jinvestiga x'sar minn din il-vettura liema tficcija rrizultat negattiva. Ir-rapport tal-Pulizija (vide Dok 'AB1' anness mar-rikors gurmentat) jixhed illi l-Pulizija basru illi l-vettura insterqet u baqghu ghaddejin bl-investigazzjoni taghhom. Fl-ebda stadju l-esponent ma gie infurmat bl-irmonkar u kontravvenzjoni li twettaq minn terzi;

7. Illi l-esponent gialadarba qatt ma kien konsapevoli illi l-vettura ttiehdet permezz ta' irmonkar jew inharget xi kontravvenzjoni li ma nhargux minnu, qatt ma jista' jigi dikjarat illi l-esponent kiser principji ta' gusitzzja naturali hjew htigijiet procedurali mandtaorji fit-twettiq tal-ghemil amministrattiv meta allegatament naqas milli jinfurma lir-rikorrent bl-irmonk tal-vettura tieghu u milli jippublika l-avviz relattiv skond il-Ligi Sussidjarja 65.13 (Regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tnehhija ta' Vetturi bil-Mutur u Oggetti ta' Ingombru) u dan *stante* illi qatt ma wettaq l-ghemil amministrattiv deskrit fir-rikors guramentat in risposta;

8. Illi l-esponent jecepixxi illi l-avviz msemmi fir-regolament 7 tal-Ligi Sussidjarja 65.13 (Regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tnehhija ta' Vetturi bil-Mutur u Oggetti ta' Ingombru) ma setghax jinhareg mill-esponent Kummissarju gialadarba ma kienx huwa illi hareg l-kontravvenzzjoni u r-rimozzjoni/irmonkar tal-vettura u ma kienx konsapevoli tal-istess att amministrattiv twettaq minn terzi;

9. Illi l-esponent jecepixxi illi r-rikorrent ma jistax jippretendi illi l-esponent jsir jaf jew jgorr responsabbilita' ta' atti amministrattivi mehuda minn terzi jew entitajijiet ohra;

10. Illi l-esponent mhux responsabbli ghal kontravvenzzjoni mahruga mill-intimat agenzija L.E.S.A (vide Dok 'AB2' anness mar-rikors gurmanetat) u lanqas ghal kont mahrug minn *Roc-A-Go Crane Services* ghar-rilaxx tal-vettura mir-rimozzjoni/irmonkar u m'ghandux jigi dikjarat responsabbli ghal tali allegati danni/spejjez;

11. Illi l-esponent ma mexxiex b'*mala fede* jew b'mod irragonevoli meta hejja rapport tal-pulizija u investiga r-rapport bhala allegat serq gialadarba ma kellux informazzjoni minn terzi illi l-vettura giet irmonkata kif qieghed jallega r-rikorrent;

12. Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet tar-rikorrent huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-Aġenzija Għas-Sistema tal-Infurzar Lokali** ppreżentata fil-11 t'Ottubru, 2019 fejn jingħad kif ġej:

1. ILLI fl-ewwel lok u in linea preliminari l-eccipjenti tirrileva illi hija assolutament mhiex il-legittimu kontradittur ghall-lanjanzi attrici stante illi l-eccipjenti ma talbet ebda irmonkar tal-vettura tar-rikorrenti u ma kenitx tenuta tohrog l-avviz imsemmi fil-Ligi Sussidjarja 65.13.

2. ILLI fit-tini lok u in linea preliminari wkoll u bla pregudizzju ghas-sueccepit, in kwantu l-azzjoni attrici hi bazata fuq l-artikolu 469A tal-Kap 12,

l-eccipjenti tirrileva illi tali azzjoni hija perenta in kwantu t-terminu prefiss mill-artikolu 469A(3) tal-Kap 6 ta' 6 xhur ghadda.

3. ILLI fil-meritu u bla pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

4. ILLI fi kwalunkwe kaz sta ghall-attur li jipprova l-kaz tieghu skond il-Ligi.

5. ILLI fil-kaz de quo l-eccipjenti ma ordnat ebda irmonkar tal-vettura in meritu u kwindi m'hemm xejn x'jigi mistharreg fl-ghemil tal-eccipjenti.

6. ILLI l-eccipjenti ma kenitx taf u lanqas setghet tkun taf kif u fejn ittiehdet il-vettura in kwistjoni. Fi kwalunkwe kaz mhux fil-masjoni tal-eccipjenti li twettaq investigazzjonijiet jew stharrig dwar vetturi rrapportati nieqsa. Di fatti l-attur stess jiddikjara li huwa rrapporta n-nuqqas ta' sejbien tal-vettura tighu lill-Pulizija u f'ebda hin ma ghamel kuntatt mal-eccipjenti li kwindi ma setghet qatt tkun taf bil-fatti tal-kaz. Di piu malli l-attur ircieva c-citazzjoni msemmija fil-para. 5 tar-rikors promotur tieghu ghal darba ohra huwa rega avvicina lill-Pulizija.

7. ILLI l-eccipjenti fl-ebda hin ma wettqet ghemil skorrett jew naqset li tezercita l-obbligi taghha bil-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' bonus paterfamilias kif allegat mir-rikorrenti, kif lanqas ma wettqet xi atti li jiksru d-dispozizzjonijiet tal-artikoli 469A(1)(b) (ii) u/jew (iv) tal-Kap 12 kif allegat. Liema asserzjoni tar-rikorrent hija ghax kollox michuda u respinta bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

8. ILLI ghalhekk l-eccipjenti bl-ebda mod ma' tista titqies li hija jew kienet b'xi responsabbli kif allegat mir-rikorrenti.

9. ILLI ghalhekk it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fl-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti in toto bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-Kunsill Lokali San Ġiljan** ippreżentata fil-25 t'Ottubru, 2019 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici, in kwantu imsejsa fuq l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 Ligijiet ta' Malta, huma kollha *fuori termine* u kolpiti bid-dekadenza ta' sitt xhur ai termini tal-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi fil-mertu l-attur agixxa illegalment meta ppermetta u sfaccatament halla l-vettura pparkegjata kontra s-sinjali ufficjali ta' '*no parking'* bi ksur tal-ligi. Hawn issir referenza ghar-ritratti, hawn annessi u mmarkati bhala **Dok KSG 3 sa Dok KSG 6,** liema ritratti juru l-vettura tal-attur ipparkegjata sfaccatament proprju fejn kien hemm it-tabelli bis-sinjal ta' '*no parking'*;

3. Illi l-attur stess bl-ghagir illegali tieghu kien l-awtur tad-danni li allegatament gew ikkagunati lilu;

4. Illi l-Kunsill Lokali intimat illimita ruhu biex legalment jenforza avviz legali*;*

5. Illi f'kull kaz it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

7. Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat illi l-Qorti iddekretat li f'dan l-istadju jiġu trattati u deċiżi l-ewwel eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti rigwardanti l-kompetenza rationae materiae;

Rat il-provi kollha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li l-azzjoni hija perenta ai termini tal-Artikolu 469A (3) tal-Kapitolu 12.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

L-attur Barbuzza huwa propjetarju tal-vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni LCR 435. Fit-22 t'Ottubru 2018, l-attur ipparkja l-vettura tiegħu fi Triq Spinola, San Ġiljan, waħda mill-kaxxi tal-parkeġġ immarkat abjad għal ħabta tat-8:30 ta' filgħodu. Għal ħabta tas-18:20, Barbuzza mar lura għall-karozza iżda ma kinitx tinstab fejn ipparkjaha. X'ħin ra hekk huwa mar l-Għassa tal-Pulizija sabiex jikseb informazzjoni dwar il-vettura tiegħu, iżda wara li l-Pulizija preżenti għamel il-verifiki u informah li ma kellu l-ebda tagħrif, l-attur għamel rapport li l-vettura tiegħu ġiet misruqa. Għal tlett xhur sħaħ, l-attur jgħid li ma ingħata l-ebda informazzjoni minn għand il-Pulizija dwar l-investigazzjoni għas-sejbien tal-vettura tiegħu u lanqas ma kellhom ħjiel dwar fejn kienet jew għand min kienet il-vettura tiegħu. Kien f'Jannar tal-2019 li huwa rċieva avviż ta' kontravenzjoni mingħand L.E.S.A u minn hemm sar jaf li fil-jum li ma kienx sab il-karrozza kien ingħata ċitazzjoni għaliex il-vettura kienet ta' ostruzzjoni jew kienet qiegħda tikkawża inkonvenjent lill-pubbliku. L-attur informa lill-Pulizija b'dan. F'nofs Frar 2019 irċieva telefonata mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan fejn kien mitlub imur il-Kunsill sabiex jingħata informazzjoni dwar fejn kienet tinsab il-vettura tiegħu. Meta mar il-Kunsill, huwa sar jaf li l-vettura tiegħu qiegħda fil-pussess tas-soċjetà

Roc-A-Go Crane Services Limited u biex jingħata lura l-vettura kellu jħallas elf u mitejn Ewro talli naqas milli jiġbor il-vettura tiegħu wara li din kienet ġiet irmunkata. Fit-3 ta' Ġunju 2019 l-attur ħallas is-somma ta' elf u mitejn ewro (€1,200) lil Roc-A-Go Crane Services u b'hekk il-vettura ġiet rilaxxata.

L-attur jgħid li ma kienx jaf minn awtorizza l-irmonk tal-vettura. Skontu l-awtoritajiet naqsu milli josservaw il-prinċipju tal-ġustizzja natural jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv meta naqsu milli jinformawh bl-irmonk u milli ippubblikaw l-avviż relattiv skont l-Liġi Sussidjarja 65.13. In oltre skont l-attur, l-awtoritajiet naqsu milli jagħtuh ir-raġunijiet li għalihom ttieħdet id-deċiżjoni li tiġi rmonkata l-vettura u naqsu li jinvestigaw b'mod effettiv l-iskomparsa tal-vettura wara li ġiet irrapportata misruqa. Għal dan l-atteġġjament l-attur intavola dawn il-proċeduri u qiegħed issejjes l-azzjoni tiegħu fuq l-Artikolu 469A (1) (b) (ii) u (iv) tal-Kapitolu 12. Jallega wkoll li minħabba l-inkonvenjent li huwa ġġarrab bl-għaġir ħażin tal-Awtoritajiet pubbliċi huwa sofra danni kemm morali kif ukoll materjali.

Ikkunsidrat;

Xehdet **Raisa Micallef**, segretarja mal-kumpanija Roc-a-Go. Dwar l-irmonk tal-vettura tat-Tip Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni LRC 435 li seħħ fit-22 t'Ottubru 2018 ix-xhud qalet li hija ġiet ikkuntattjata mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan sabiex isir l-irmonk u sussegwentement proprju fit-13 ta' Novembru 2018 intbagħat *email* jikkonferma li saret dik it-talba mill-istess Kunsill Lokali[1]. L-istruzzjoni ingħatat minn Paul Spiteri, Segretarju Eżekuttiv. Ir-raġuni għalfejn kellha tiġi rmunkata huma ma jkunux jafu. Hekk kif il-vettura waslet għandhom hija ġiet maħżuna fil-bini tagħhom u infurmaw dak inhar stess lill-Kunsill Lokali li l-karozza ġabruha iżda ma kkuntatjaw lil ħadd aktar. Ix-xhud ma tiftakarx kemm damet għandhom il-vettura, iżda tgħid li meta Barbuzza ġabar il-vettura, hija kienet fl-istess kundizzjoni ta' meta rmunkawha. Ix-xhud tikkonferma li ġieli ingħataw struzzjonijiet simili min-naħa tal-Kunsill Lokali. Ix-xhud tispjega li l-proċedura hija li l-Kunsill Lokali

[1] Paġna 50 tal-proċess.

iċemplulhom sabiex jirmunkaw vettura u jitolbuhom li jkun hemm xi ħadd mill-Kunsill jew mil-L.E.S.A jew mill-Pulizija fuq il-post sabiex jiżgura li qegħdin jirmunkaw il-vettura t-tajba u jeħduha fejn jgħidulhom. Jitolbuhom ukoll li tintbagħat email f'dak ir-rigward. Il-proċedura mit-telefonata sal-irmonk tieħu xi siegħa. Kull ġurnata li vettura ddum għandhom hemm penali ta' għaxar ewro (€10) kuljum.

Xehed **Kenneth Micallef**, General Manager mal-kumpanija Roc-a-Go. Meta ġie mistoqsi x'jaf jgħid dwar l-irmonk li kien sar tal-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni LCR 435, ix-xhud qal li huma ma jkunx involut fihom però "kienu jċemplu l-kunsill u niġbru l-karozza minn fejn jgħidilna huma".[2] Ix-xhud ippreżenta l-korrispondenza elettronika li intbagħtet mill-Kunsill Lokali fit-13 ta' Novembru 2018 lis-soċjetà Roc-a-Go. Jispjega li l-irmonk l-ewwel isir fuq telefonata u l-email tintbagħat wara. L-email hija l-konferma bil-miktub ta' dak li sar bit-telefon. Dwar għalfejn il-vettura damet għandhom sitt xhur, ix-xhud jispjega li huma "between two weeks konna ncemplu l-kunsill biex isibu jew jintraċċaw"[3] ta' min hi l-vettura. Dan kienet tagħmlu oħtu Raisa Micallef. Jgħid li l-vettura kienet fi stat tajba u din tqegħdet f'post u baqgħet hemm.

Xehed ukoll **Paul Spiteri**, Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan. Dwar dan il-każ ix-xhud spjega li l-permess sabiex ma jsirx ipparkjar ta' vetturi fit-22 t'Ottubru 2018 fi Triq Spinola, San Ġiljan inħareġ għaliex kienet qiegħda ssir kostruzzjoni ta' bini u kien ser ikun hemm krejn. Jgħid li huma dejjem javżaw li l-permessi għandhom jitwaħħlu 48 siegħa qabel u dan fil-fatt twaħħlu. Sabiex il-Kunsill jirmonka irid ikun hemm permess maħruġ minn Transport Malta. Dwar il-karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni LCR 435, ix-xhud qal li din kienet ipparkjata fejn kien hemm is-sinjal li ma jistax isir ipparkjar. Il-proċedura hija li minn talab il-permess għandu jmur l-għassa jagħmel rapport li hemm vettura pparkjata fuq 'no parking' u l-pulizija jippruvaw jikkuntattjaw lil sid il-vettura. F'dan il-każ ix-xhud jgħid li l-pulizija

[2] Paġna 64 tal-proċess.
[3] Paġna 66 tal-proċess.

ppruvat tikkuntattja lil sid il-vettura iżda dan ma rrispondix. La darba l-Pulizija ma rnexxielhomx jikkuntattjaw lis-sid tal-vettura, il-Kunsill Lokali ċemplu lil Roc-a-Go sabiex tiġi rmonkata. Jikkonferma li kien il-Kunsill li ta l-ordni ta' l-irmonk. Ix-xhud jgħid li kien hu li ta l-ordni. Jgħid li waqt l-irmonk huma ma jkunux preżenti iżda jġibu gwardjan lokali. Jikkonferma li Roc-a-Go infurmathom li l-vettura qiegħda għandhom. Jgħid li huma ppruvaw jintraċċaw lis-Sur Barbuzza. Jgħid li f'Jannar 2019 ċemplu lil Barbuzza u qalulu li l-vettura hija rmonkata għand Roc-A-Go iżda huwa insista li ma jridx imur għaliha għax ma riedx iħallas.

L-**attur** xehed bis-saħħa t'affidavit. Jgħid li huwa jaħdem San Ġiljan u fit-22 t'Ottubru 2018 għal ħabta tat-8 ta' filgħodu, ipparkja l-vettura tiegħu fi Triq Spinola, San Ġiljan. X'ħin spiċċa mix-xogħol għal ħatbta tas-6 ta' filgħaxija telaq mill-uffiċċju iżda l-vettura ma sabiex fejn ħalliha pparkjata. Jgħid li l-ewwel ħaġa li għamel huwa li ċċekkja sabiex jara jekk għandux *missed call* imma ma kellux. Jgħid li huwa mexa t-triq kollha u ċċekkja wkoll jekk kienx hemm sinjal ta' *no parking* iżda skont ix-xhud ma kienx hemm. Meta l-vettura tiegħu ma kienet tidher imkien huwa mar fl-eqreb għassa li kienet ta' San Ġiljan sabiex jitlob l-għajnuna. Jgħid li l-Pulizija ċċekkja ma' manwal u wara li għamel xi verifiki fuqu qallu li n-numru ta' reġistrazzjoni tal-karozza tiegħu ma kienx imniżżel fuq ir-reġistru u kien għalhekk li l-Pulizija ċemplu lil Transport Malta biex jivverifikaw magħhom. Il-konverżazzjoni bejniethom kienet bil-Malti u għalhekk ma setgħax jifhem wisq iżda meta l-Pulizija qata' t-telefon hu ġie informat li ma kien hemm l-ebda rekord tal-vettura tiegħu. Jgħid li huwa ried jagħmel rapport li l-vettura tiegħu ġiet misruqa iżda peress li kien qiegħed isir xi rapport ta' każ ta' natura sensittiva u peress li dan kien qiegħed jieħu l-ħin, il-Pulizija gwidawh li għandu jmur jagħmel ir-rapport l-Għassa tas-Swieqi. Fuq il-parir tagħhom huwa għamel hekk u għamel rapport l-Għassa tas-Swieqi li l-vettura tiegħu ġiet misruqa. Ix-xhud qal li fil-ġranet ta' wara huwa ċempel l-Għassa ta' San Ġiljan kif ukoll tas-Swieqi biex jistaqsi jekk kellhomx xi informazzjoni iżda kienu qalulu li ma kellhom xejn. Ix-xhur għaddew u baqa' ma rċieva l-ebda informazzjoni. Fit-2 ta' Jannar 2019 sid il-kera li mingħandu kien jikri l-appartament fejn kien joqgħod dak iż-żmien kien għaddielu envelop li fih kien hemm Avviż ta' Kontravvenzjoni li nħarġet fl-

istess ġurnata li l-vettura ġiet misruqa. L-attur ikkontesta l-kontravvenzjoni permezz ta' petizzjoni li ġiet milqugħha fit-18 ta' Frar 2019.

Huwa jgħid li kien fit-13 ta' Frar 2019 l-ewwel darba li rċieva telefonata mingħand mara li staqsietu sabiex jispjega x'kienet is-sitwazzjoni rigward il-karozza tiegħu. Jgħid li meta staqsiha min kienet hija qaltlu li ma setgħetx tiżvela isimha imma qaltlu sabiex immur il-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan sabiex jingħata informazzjoni dwar il-karozza. Huwa ċempel il-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan u kienet kellmitu mara iżda qaltlu li sabiex ikollu l-informazzjoni li ried huwa kellu jmur personalment il-Kunsill. Fil-15 ta' Frar 2019 huwa mar il-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan u l-iskrivana kienet infurmata li l-vettura tiegħu kienet tinstab għand Roc-A-Go u fuq ir-rapport tal-Pulizija li huwa kien ta kien hemm miktub "€1,230-Roc-a-Go". Meta staqsa dak x'kien ifisser hija qaltlu li huwa kellu jħallas dik is-somma li kienet tirrigwarda l-irmunkar u l-ħażna tal-vettura għand Roc-a-Go sabiex ikun jista' jieħu l-vettura. Jgħid li huwa mar l-Għassa tal-Pulizija sabiex itihom l-aħħar informazzjoni li kellu. Dak il-ħin stess sar kuntatt bit-telefon mal-Kunsill Lokali iżda peress li kienu qegħdin jitkellmu bil-Malti ma kienx qiegħed jifhimhom. Pulizija ieħor mar il-Kunsill u wara li ġie, xi 20 minuta wara, qallu li l-Kunsill kellhom jibgħatu l-verżjoni tagħhom bil-miktub u li hu kien ser jemenda r-rapport oriġinali sabiex jinkludi l-informazzjoni mogħtija mill-Kunsill Lokali. Ix-xhud jgħid li l-għada u l-ġranet ta' wara huwa mar għal rapport aġġornat iżda ma kienx ġie emendat u lanqas tawh xi rapport ġdid li jinkludi l-informazzjoni mogħtija lilhom mill-Kunsill Lokali. Jgħid li fil-15 ta' Frar 2019 huwa ikkuntattja lill-avukat tiegħu u l-għada iltaqa' magħha. Qal li Dr. Cauchi ppruvat għal diversi drabi tikkuntattja lill-Pulizija li kien kiteb ir-rapport u lill-Kunsill Lokali biex tipprova tikseb aktar informazzjoni fuq x'seta' ġara u min kien ordna l-irmonk tal-karozza u għaliex ma kienx ġie infurmat dwar dan, iżda ma ingħatat l-ebda informazzjoni. L-attur qal li huwa mar personalment għand Roc-a-Go u s-segretarja Raisa Micallef baqgħet tgħidlu li kellu jkellem lill-Kunsill Lokali u kellu jħallas €1,230 biex jieħu lura l-karozza. Qal li huwa ma riedx iħallas dik is-somma meta huwa qatt ma ġie infurmat li l-karozza tiegħu kienet tinstab għand Roc-a-Go. L-attur qal li meta ra li ħadd ma beda jikkoopera huwa qal lill-avukat sabiex tipproċedi billi tiftaħ

il-kawża u fis-7 ta' Marzu 2019 ġie ippreżentat protest ġudizzjarju kontra dawk kollha li setgħu kienu involuti inkluż Roc-a-Go. Jgħid li huwa ħalla kollox f'idejn l-avukat tiegħu u fit-3 ta' Ġunju 2019 huwa mar u ħallas is-somma ta' €1,200 u ħa lura l-vettura tiegħu. Qal ukoll li wara li kien telaq minn għand Roc-a-Go huwa nduna li kien hemm ċavetta imkissra fil-bieba tan-naħa tas-sewwieq.

**In kontro-eżami** huwa jgħid li huwa jidħol ix-xogħol bejn it-tmienja u t-tmienja u nofs ta' filgħodu u meta pparkja peress li jkun sejjer iħalli l-karozza tiegħu bejn disgħa u għaxar siegħat u mhux ħames minuti huwa joqgħod attent fejn jipparkja u li ma jkun qiegħed jostakola xejn u li jkun ipparkjat tajjeb. Meta ġie mistoqsi għalfejn iċċekkja l-mobile fil-mument li ma rax il-karozza huwa qal għaliex seta' jippreżumi li l-vetturi tiegħu kienet ġiet ittowjata: "*when I first realised that the car was not there my first thinking was it had been towed"*[4]. Ix-xhieda kompliet hekk:

"Qorti: And after they informed you there is no information about it you concluded that it was stolen.
Xhud: After I went to the police station to report that it was missing
Qorti: Ok so you reported it was missing, you presumed that it was towed
Xhud: After they couldn't find
Qorti: Yes but between six pm and going to the police station your first impression was?
Xhud: That it was towed"[5]

Meta ġie mistoqsi x'ikkonkluda meta rċieva l-kontravenzjoni fit-2 ta' Jannar 2019, huwa qal hekk: "*It became to me more realistic that the car was towed considering all the assumption I said before being daylight, in a lit area* [...]"[6]. Aktar 'l isfel fix-xhieda ikkonferma li meta rċieva l-kontravenzjoni li kienet tgħid li l-vettura fit-22 t'Ottubru 2018 kienet qiegħda tikkawża ostruzzjoni jew inkonvenjent lill-pubbliku huwa kkonkluda li l-vettura ma kinitx misruqa iżda

[4] Paġna 105 tal-proċess.
[5] *ibid*.
[6] Paġna 107 tal-proċess.

peress li kien għamel rapport l-Għassa tal-Pulizija fit-22 t'Ottubru 2018 huwa kien ħalli f'idejhom biex jikkonfermawlu li l-vettura ma kinitx misruq. Meta ġie mistoqsi jekk rax it-tabelli li l-vettura tiġi ttowjata jekk tipparkja fit-22 t'Ottubru 2018 bejn is-siegħa u l-ħamsa ta' wara nofsinhar, li ritratt tagħhom jinstab fil-proċess minn paġna 28 sa paġna 35, ix-xhud jgħid li jista' jkun iżda ma jiftakarx li rahom.

Għal mistoqsija meta sar jaf għall-ewwel darba jew setgħa jirrelażża li l-vettura tiegħu kienet għand Roc-A-Go huwa r-risponda li huwa sar jaf meta mar il-Kunsill Lokali fi Frar 2019.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Il-konvenuti kollha eċċepixxew li ġaladarba din l-azzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 469A (1) (b) tal-Kapitolu 12, l-azzjoni hija perenta ai termini tal-Artikolu 469A (3).

**Eċċezzjoni li l-Azzjoni Attriċi taħt l-Art. 469A tal-Kap 12 hi Perenta**.

Is-**subartikolu 3 tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li "kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv."

L-attur jagħmel referenza għall-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili u jissottometti li n-nuqqas li tiġi eżerċitata prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' *bonus paterfamilias* mill-awtoritajiet pubbliċi twassal sabiex ikun hemm ksur

ta' dak dettatt fl-Artikolu 469A (1) (b) (ii) u (iv) tal-Kapitolu 12. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

"(1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss

[...]

(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun *ultra vires* għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:

[...]

(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew

[...]

(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi."

Fl-ewwel talba l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom aġġixew kontra l-prinċipji enunċjati fl-Artikolu 469A. Huwa għalhekk ċar li l-azzjoni tal-atturi hija msejsa fuq l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12.

Huwa paċifiku li n-natura u l-indoli ta' azzjoni attriċi li tadixxi lill-qorti jirriżultaw mill-att promotur f'dan il-każ Rikors Ġuramentat. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Capua Palace Limited vs. Boris Arcidiacono** (Ċit Nru 383/2001) mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-30 ta' Jannar 2003 ġie spjegat illi:

"In-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proceduri. Normalment, b'dan wiehed jifhem li dak li kellu

f'mohhu min ikun fetah il-kawza jkun irid jirrizulta mill-att tac-Citazzjoni nnifsu u mhux minn provi li jitressqu izjed 'l quddiem fil-kawza."[7]

Ir-regola proċedurali hija li l-kawżali tad-domanda u ċioe r-raġuni ġuridika tat-talba, apparti li għandha tiġi mfissra ċar u sewwa, ma tistax tiġi mibdula jew aġġunta għajr meta permess bil-liġi u l-Qorti għandha toqgħod għat-talba kif tkun ġiet mfissra fl-att li bih ġiet intavolata l-kawża. Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax tiddeċiedi fuq xi dritt ieħor oltre minn dak li jkun irriżulta mir-rikors promotur, anke għaliex, mhux leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dawk espressi fir-rikors promotur.

Hekk ikkunsidrat il-prinċipji proċedurali ġenerali din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra dak li jgħid l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12, u ċioe l-artikolu li ġie speċifikatament imsemmi fit-talbiet attriċi.

Il-prinċipji li jirregolaw kawża ta' din ix-xorta huma ormai sew stabbiliti fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati. Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li t-terminu ta' sitt xhur imsemmi f'dan l-artikolu huwa wieħed ta' dekadenza, u mhux ta' preskrizzjoni, li la jista' jiġi miksur u lanqas sospiż u għaldaqstant id-dispożizzjonijiet dwar il-preskrizzjoni ikkontemplat fil-Kodiċi Ċivili ma japplikawx għalih[8]. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv m'għandhomx tali effett meta si tratta ta' terminu perentorju. Għalkemm l-attur intavola protest ġudizzjarju fis-7 ta' Marzu 2019 kontra l-konvenuti u oħrajn, tali att ma jinterrompiex u lanqas jissospendi l-mogħdija tat-terminu ta' sitt xhur kontemplat fl-artikolu 469A.

---

[7] Ara wkoll **Carmelo Cassar noe vs Victor Zammit** (App Inf 940/2001) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-23 ta' Ġunju 2004.

[8] Ara fost oħrajn **Roberto Zamboni et vs. Id-Direttur tal-Kuntratti et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-31 ta' Mejju 2002; **Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-27 ta' Ġunju 2003; **Edward Paul Tanti vs. Segretarju Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru** (App Ċiv 1773/2007) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-7 t'Ottubru 2005; **Michael Mizzi vs. L-Awtorità tat-Turizmu et** (App Ċiv 52/2004) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-10 ta' Novembru 2008; u **Maria Victoria Borg et vs. Sindku u Segretarju in rappreżentanza Kunsill Lokali Pietà** (App Ċiv 949/2004) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-19 ta' Mejju 2009.

Fit-termini tal-liġi applikabbli, t-terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur beda għaddej minn dakinhar li l-attur sar jaf jew seta' jsir jaf b'dak l-għemil li qiegħed ifittex li jwaqqa' bl-azzjoni tal-lum. Il-liġi tagħmilha ċara illi t-terminu ta' sitt xhur jibda jiddekorri mid-data li fiha l-attur jew sar jaf jew seta' jsir jaf bl-għemil impunjat, liema data tiġi l-ewwel.

F'dan ir-rigward il-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn għemil amministrattiv issir taf b'dak l-għemil li jkun. Il-liġi lanqas ma tgħid li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni[9]. Kieku l-leġislatur kellu l-intenzjoni li dan il-perijodu ta' sitt xhur jibda jiddekkorri biss minn meta l-persuna li tiġi milquta b'għemil amministrattiva tiġi nfurmata b'mod uffiċjali u bil-miktub, ċertament li dan kien jiġi indikat fl-artikolu in eżami. Il-liġi ssemmi biss li dan il-perijodu ta' dekadenza jibda jgħodd minn meta l-attur isir jaf jew seta' jsir jaf u xejn aktar.

L-attur jinsisti li ġaladarba huwa ma rċieva l-ebda informazzjoni minn għand il-Pulizija dwar il-vettura tiegħu huwa ma kellu xejn f'idejh, b'mod formali tinformah li l-vettura tiegħu ma kinitx misruqa iżda rmunkata.
Wieħed jista' jikkonsidra illi l-attur seta faċilment isir jaf b'dak li seħħ fl-istess jum li l-vettura tiegħu ġiet irmonkata peress li kienet parkeġġjata bi ksur ta' tabella li kienet turi li dakinhar f'ħin partikolari ma setax isir parkeġġ. Matul it-testimonjanza tiegħu l-attur xhed illi ma jiftakarx jekk rax din it-tabella li kienet tgħid li dakinhar ma setax isir parkeġġ. Dik it-tabella kienet tindika ċar li ksur ta' dik it-tabella seta' jwassal għal "towing" u kienet ukoll turi numru telefoniku fejn min kien interssat seta' jċempel. L-attur xhed illi tant kien mifxul li dik it-tabella ma rahiex. Jgħid li kien għalhekk illi ma ċempilx fuq dak in-numru u minflok mar fl-Għassa ta' San Ġiljan Għalkemm il-Qorti mhiex konvinta mill-verżjoni mogħtija mill-attur dwar jekk rax it-tabella, il-Qorti ser ittih il-benefiċċju tad-dubju dwar dak li seħħ fil-jum li fih ġiet irmonkata il-vettura tiegħu.

[9] **Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-27 ta' Ġunju 2003;

Jirriżulta pero' illi sa mit-2 ta' Jannar 2019 l-attur mhux seta jsir jaf, iżda sar jaf illi ntlaqat ħażin bl-għemil amministrattiv li qiegħed jimpunja meta f'dak il-jum irċeva ċ-ċitazzjoni tinformah bil-kontravvenzjoni li biha kien qed jiġi akkuzat u ċioe' li fit-22 ta' Ottubru 2018 il-vettura tiegħu kienet qiegħda tikkawża ostruzzjoni jew inkonvenjent lill-pubbliku fi Triq Spinola, San Ġiljan[10] ċioe fl-istess ġurnata u fl-istess post fejn l-attur ħalla l-vettura tiegħu ipparkjata. Kien informat ukoll bid-data u ħin tas-smiegħ tal-każ tiegħu quddiem it-Tribunal Lokali. Tagħmilha aktar ċara li huwa kien jaf b'din iċ-ċitazzjoni meta fil-5 ta' Jannar 2019, l-attur ikkontesta dik iċ-ċitazzjoni billi ppreżenta petizzjoni.[11]

In tema legali ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dragonara Gaming Limited (C-49848) vs. Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru responsabbli għal Finanzi** (Rik Ċur 187/2017 GM) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-5 ta' Diċembru 2019 ingħad li :-

"[...] li tkun taf, jew messek tkun taf, ma jfissirx li jkollok suspett, xamma, inkella indizji, imqar jekk dawn ikunu qawwija. [...] Li kieku kellha tqis is-suspett bħala sinonimu mal-għarfien (ċjoe` li suppost tkun taf) ma tkunx qiegħdha sempliċiment tinterpreta l-kelma b'mod wiesa jew estensiv imma tkun qiegħdha [...] tabdika mill-podesta` lilha mogħtija mil-liġi biex tgħasses lill-eżekuttiv u tassikura li dan ma jaqbisx is-setgħat u limiti oħrajn imposti fuqu mil-liġi."

Din hija osservazzjoni relevanti għaliex għalkemm l-attur fix-xhieda tiegħu spjega li meta ma rax il-vettura tiegħu l-ewwel suspett li kellu kienet li l-vettura tiegħu ġiet irmonkata u fil-fatt mar għand il-pulizija b'dan il-ħsieb, dan però ma baqax aktar suspett mill-mument li huwa rċieva l-avviż ta' kontravenzjoni.

[10] Paġna 84 tal-proċess.
[11] Paġna 85 tal-proċess.

L-attur stess xhed waqt il-kontro-eżami tiegħu li meta rċieva l-kontravenzjoni u għamel il-petizzjoni huwa kkonkluda li l-vettura ma kinitx misruqa:

"**Dr Miguel Degabriele**: [...] *am I correct to say that on the 5th January if you launched a petition you could have concluded that the car was not stolen? By the 5th January*
**Xhud**: *Concluded myself yes that [it was] not stolen*"[12]

Kien l-attur ukoll li kkonferma li l-unika possibiltajiet li ġara bil-karozza tiegħu kienet li ġiet rmonkata jew misruqa.[13] Għalhekk ġaladarba kien ikkonkluda li l-vettura tiegħu ma kinitx misruqa, kien jonqos biss bil-possibilità li l-vettura tiegħu ġiet fil-fatt irmonkata.

Fil-fehma tal-Qorti ż-żmien ta' dekadenza ta' sitt xhur imsemmija fl-Artikolu 469A (3) beda jiddekkorri ta' lanqas mill-mument li huwa ma baqax jissuspetta li l-vettura tiegħu ġiet misruqa iżda li ġiet attwalment rmonkata għaliex kienet ikkawżat ostruzzjoni jew inkonvenjent, Fil-fehma tal-Qorti it-terminu ta' sitt xhur beda jiddekorri fit-2 ta' Jannar 2019.[14] Huwa minn dik id-data li żgur sar jaf jew seta' jsir jaf b'dak l-għemil li qiegħed ifittex li jwaqqa' bl-azzjoni tal-lum.

Hekk determinat id-data minn meta beda jiddekkorri ż-żmien ta' sitt xhur, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddetermina jekk l-azzjoni hijiex perenta. Sabiex l-azzjoni ma taqax barra t-terminu stabbilit bil-liġi din kellha tiġi intavolata sat-2 ta' Lulju 2019. Mit-timbru tar-Reġistru fuq ir-rikors promotur jirriżulta li l-azzjoni attriċi ġiet intavolat fit-13 t'Awwissu 2019, tnejn u erbgħin ġurnata wara li għalaq it-terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur.

Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-azzjoni attriċi hija perenta peress li fil-jum li l-kawża odjerna ġiet intavolata l-attur kien laħaq għaddielu ż-żmien li tagħtih l-

[12] Paġna 112A tal-proċess.
[13] Paġna 112 tal-proċess: "**Qorti**: [...] *Being stolen, being towed and the third one what was the possibility? Was there another possibility?* **Xhud***: No towed or stolen*".
[14] Ara f'dan is-sens **George Azzopardi vs. Heritage Malta** (App Ċiv 522/2005) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-28 ta' Settembru 2012.

liġi biex seta' jressaq l-azzjoni tiegħu għal stħarriġ ġudizzjarju fit-termini tal-Artkolu 469A tal-Kap. 12.

**Decide**

Għal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa it-tieni eċċezzjoni tal-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali, l-ewwel eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan u t-tieni eċċezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u tiddikjara li l-azzjoni tal-attur hija perenta ai termini tal-Artikolu 469A (3) tal-Kapitolu 12.

Spejjeż a karigu tal-attur.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
29 ta' April 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**